MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 809/1995/1

**Victoria *sive* Vivie armla ta' Carmelo Cremona, Josephine mart John Mary *sive* Jimmy Gatt, u l-istess Jimmy Gatt għal kull interess li għandu, Anna mart Leo Grech, u l-istess Leo Grech għal kull interess li għandu, Stephen Cremona u Cornelia mart l-istess Stephen Cremona għal kull interess li għandha**
***versus***
**Carmelo Chetcuti f'ismu *proprio* u l-istess Carmelo Chetcuti bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Salvatore Estates Limited*; u b'dikriet tat-22 t'Ottubru 1998 is-soċjetà *Mid-Med Bank p.l.c.*, illum *HSBC Bank Malta p.l.c.* ġiet ammessa fil-kawża *in statu et terminis***

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu illi l-qorti tgħid illi l-konvenuti huma fi stat ta' falliment.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi, bħala suċċessuri ta' Carmelo Cremona, illum mejjet, huma kredituri tal-konvenuti li *in solidum* bejniethom għandhom jagħtu-hom ħmistax-il elf lira (Lm15,000), bl-imgħax kummerċjali bit-tmienja fil-mija

(8%) fis-sena b'seħħ mill-1 ta' Mejju 1988, u somma oħra ta' erbatax-il elf u sitt mitt lira (Lm14,600), ukoll bl-imgħax kummerċjali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, b'seħħ mill-10 ta' Lulju 1988. Dawn il-krediti kienu kanonizzati b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Cremona *versus* Carmelo Chetcuti *proprio et nomine***, ċitazzjoni numru 270/1989.

Il-konvenuti ma ħallsux dawn id-djun, u ma jidhirx li jistgħu jħallsu la dawk id-djun u lanqas djun oħra. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi ż-żewġ konvenuti waqfu milli jħallsu d-djun tagħhom;
2. tgħid meta kien li l-konvenuti waqfu jħallsu d-djun;
3. tgħid illi l-konvenuti huma fi stat ta' falliment bi proċedura sommarja taħt l-art. 482(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ; u
4. taħtar kuraturi tal-konvenuti bis-setgħat u dmirijiet mogħtija lilhom mill-Kodiċi tal-Kummerċ.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. qabel xejn l-atturi jridu jagħmlu l-prova illi huma tassew il-werrieta ta' Carmelo Cremona, u għalhekk kredituri tal-konvenuti, u illi d-denunzja tal-wirt ta' l-awtur tagħhom ġiet "likwidata u finalizZata"; u
2. ma jeżistux ċirkostanzi sabiex il-konvenuti jkunu dikjarati falluti.

B'dikriet mogħti fit-22 t'Ottubru 1998[1] is-soċjetà *Mid-Med Bank p.l.c.*, illum *HSBC Bank Malta p.l.c.* tħalliet tidħol fil-kawża *in statu et terminis*. B'dikriet ieħor, mogħti fil-11 ta' Jannar 1999[2], il-qorti ordnat illi ċ-ċitazzjoni numru 1306/1997, li biha nfetħu proċeduri oħra ta' falliment kontra l-istess konvenut Carmelo Chetcuti *proprio*, tinstema' flimkien ma' din il-kawża tallum.

L-attriċi Victoria Cremona hija l-armla ta' Carmelo Cremona, missier l-atturi l-oħra, li miet fit-22 ta' Mejju 1994. Fl-aħħar testment tiegħu, li sar fl-atti tan-Nutar Angelo Vella fl-20 t'Awissu 1987, u li kien *in parte* mibdul b'testment tal-15 ta' Jannar 1994 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, Carmelo Cremona ħalla l-użufrutt tal-ġid kollu

---

1 *Fol.* 138.

2 *Fol.* 144.

tiegħu lil martu l-attriċi Victoria Cremona, u ħatar lit-tliet uliedu bħala werrieta. Għalhekk il-prova li riedet l-ewwel eċċezzjoni saret.

Il-prova l-oħra li riedet l-ewwel eċċezzjoni, dwar id-denunzja tal-wirt ta' l-awtur ta' l-atturi, ma hix meħtieġa billi l-liġi[3] fis-seħħ meta miet Carmelo Cremona ma kinitx teħtieġ li ssir dik id-denunzja.

Mix-xhieda ħareġ illi l-konvenuti għandhom jagħtu somom sostanzjali mhux biss lill-atturi iżda wkoll lil kredituri oħra, fosthom is-soċjetà *HSBC Bank Malta p.l.c.* li għandha tieħu tmienja u tmenin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm88,728.91), barra l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, dejn kanon-izzat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' Mejju 1991 *in re* **Avukat Eric Mamo *nomine versus* Carmelo Chetcuti *proprio et nomine***, ċitazzjoni numru 6/1991[4].

Mix-xhieda mogħtija mill-konvenut Carmelo Chetcuti stess[5] u minn dokumenti minnu esebiti, jirriżulta illi Carmelo Chetcuti *proprio* baqa' jħallas lil xi kredituri tiegħu sas-sena 2002. Fost id-dokumenti li esebixxa Carmelo Chetcuti hemm kuntratt tas-27 ta' Marzu 2002 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon[6] li bis-saħħa tiegħu l-istess Carmelo Chetcuti *proprio*, li iddeskriva lilu nnifsu bħala "fil-kummerċ", ħallas lil terzi tmint elef lira (Lm8,000) għas-saldu ta' dejn li kien ipotekat kontra tiegħu fl-20 ta' Settembru 2001.

Carmelo Chetcuti xehed ukoll, fl-istqarrija tiegħu tal-5 ta' Jannar 2001, illi s-soċjetà konvenuta *Salvatore Estates Ltd* "ilha snin twal, 'il fuq minn erbatax-il sena, ma topera"[7]. Dokumenti tas-soċjetà *Mid-Med Bank Ltd* (illum *HSBC Bank Malta p.l.c.*) juru illi, barra ħlasijiet żgħar ta' xi ftit mijiet ta' liri, is-soċjetà konvenuta kienet għamlet ħlasijiet sostanzjali f'Awissu u f'Ottubru ta' l-1994[8].

---

3 L-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap. 364.

4 *Foll*. 16 *et seqq.*

5 Ara l-istqarrija tal-5 ta' Jannar 2001 ta' Carmelo Chetcuti, *foll*. 205 *et seqq.*

6 *Foll*. 289 *et seqq.*

7 *Fol*. 205.

8 *Foll*. 58 u 60.

Fid-dawl ta’ dawn il-fatti, ngħaddu issa biex inqisu t-talbiet għad-dikjarazzjoni ta’ falliment, u nibdew bit-talba kontra Carmelo Chetcuti *proprio*.

L-art. 477 tal-Kodiċi tal-Kummerċ igħid illi:

**477.** Kull kummerċjant li jieqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu hu fi stat ta’ falliment.

Qabel xejn huwa meħtieġ illi dak li jieqaf mill-ħlas ta’ djun ikun “kummerċjant”.

Tassew illi Carmelo Chetcuti fl-istqarrija tiegħu qal illi hu ma kienx jinnegozja f’ismu personali, iżda d-dokumenti fil-proċess juru mod ieħor. Ġà rajna illi, fuq il-kuntratt tas-27 ta’ Marzu 2002 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, Carmelo Chetcuti deher bħala wieħed “fil-kummerċ”. Hemm ukoll: kitba privata tal-10 ta’ Mejju 1997[9] li bis-saħħa tagħha Chetcuti ssellef sitt elef lira (Lm6,000) “għall-użu kummerċjali” tiegħu; kitba oħra ta’ l-4 t’Awissu 1998[10] meta ssellef erbat elef u sitt mitt lira (Lm4,600), ukoll “għall-użu kummerċjali” tiegħu; u kitba oħra tat-22 ta’ Jannar 1999[11] li biha ssellef ħamest elef lira (Lm5,000), ukoll “għall-użu kummerċjali” tiegħu.

Dawn il-kitbiet, iffirmati minn Carmelo Chetcuti f’ismu *proprio*, huma prova biżżejjed illi tassew li Carmelo Chetcuti huwa “kummerċjant”.

Biex tingħata dikjarazzjoni ta’ falliment huwa biżżejjed illi kummerċjant ikun waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu; ma hux meħtieġ illi jintwera wkoll illi ma għandux mnejn iħallas[12].

Fil-każ tallum rajna illi l-konvenut *proprio* baqa’ jħallas djun sal-2002; fost dawn rajna li kien hemm djun li nħolqu wara dawk ta’ l-atturi u tas-soċjetà li tħalliet tidħol fil-kawża, għalkemm id-dejn ta’ din ta’ l-aħħar kien imħares b’ipoteka[13] li kienet tiggradwa qabel djun oħra li, iżda, tħallsu qabel.

---

9 *Fol.* 231.

10 *Fol.* 232.

11 *Fol.* 241.

12 Ara s-sentenza tal-25 t’April 1961 fil-pro`eduri tal-falliment ta’ Henry Shirley Furniss-Roe http://docs.justice.gov.mt/SENTENZI2000_PDF/INDEX/45D_1961_3_793_4040.PDF

13 *Fol.* 193.

Il-fatt li saru xi ħlasijiet ma jfissirx illi *ipso facto* l-kummerċjant ma għandux jitqies li waqaf mill-ħlas tad-djun. Il-kummerċjant ma jistax jaħrab mid-dikjarazzjoni ta' falliment, u mill-konsegwenzi li din iġġib magħha għall-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri li jibqgħu ma jitħallsux, billi jagħżel li jħallas xi wħud mid-djun tiegħu, u jagħżel hu liema jħallas. Fil-fehma tal-qorti, il-fatt illi l-konvenut Carmelo Chetcuti *proprio* naqas li jħallas djun sostanzjali bħal ma huma dawk ta' l-atturi u tas-soċjetà li tħalliet tidħol fil-kawża huwa prova biżżejjed illi waqaf iħallas id-djun tiegħu u li għalhekk għandu jitqies fi stat ta' falliment.

Fadal issa li jingħad b'seħħ minn meta l-konvenut *proprio* għandu jitqies li waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu.

Tassew illi fil-kapitoli ta' l-atturi għas-subizzjoni tal-konvenut[14], li tqiesu mistqarra b'dikriet tas-26 ta' Novembru 2002[15], jingħad illi Carmelo Chetcuti waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu fit-18 ta' Marzu 1994. Il-kapitoli, iżda, huma biss wieħed mill-elementi ta' xhieda li għandha tqis il-qorti, li għalhekk ma tistax titqies marbuta bihom. Fil-każ tallum, il-qorti ma hix sodisfatta illi hemm xi raġuni oġġettiva li tiġġustifika l-għażla ta' dak il-jum bħala l-jum li fih il-konvenut waqaf mill-ħlas tad-djun.

Rajna illi l-konvenut baqa' jagħmel ħlasijiet lil terzi wkoll wara li nfetħet din il-kawża. Madankollu, billi jidher li kompla jiddejjen u jħallas djun oħra, ukoll mhux ipotekati, meta ma kienx qiegħed iħallas lill-atturi u lis-soċjetà li tħalliet tidħol fil-kawża, u wkoll wara li nfetħet din il-kawża, jinħoloq is-suspett li dawk id-djun u ħlasijiet kienu qegħdin artifiċjalment itawwlu ż-żmien li fih il-konvenut seta' jkompli bl-operazzjonijiet kummerċjali tiegħu.

Il-qorti għalhekk tgħid illi l-jum li fih il-konvenut Carmelo Chetcuti *proprio* għandu jitqies li waqaf mill-ħlasijiet tad-djun tiegħu huwa l-jum li fih infetħet din il-kawża, *i.e.* id-9 ta' Ġunju 1995.

Ngħaddu issa biex inqisu t-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment kontra *Salvatore Estates Limited*.

---

14 *Fol.* 298.

15 *Fol.* 297; ara wkoll id-dikriet tal-25 ta' Frar 2003, *foll.* 302 *et seqq.*

Skond l-art. 429(5) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji[16], dawn il-proċeduri ta' falliment, għalkemm kontra kumpannija, għandhom jibqgħu regolati mill-Kodiċi tal-Kummerċ, ladarba dawn il-proċeduri nbdew qabel l-1 ta' Jannar 1996, il-"jum stabbilit" għall-għanijiet ta' dak l-Att.

Rajna li l-aħħar ħlas magħmul mis-soċjetà *Salvatore Estates Ltd* kien f'Ottubru ta' l-1994. Dak ma kienx ħlas li s-soċjetà għamlitu minjeddha iżda wara proċeduri ta' bejgħ *sub hasta*. Carmelo Chetcuti, li kien imexxi s-soċjetà, xehed fl-istqarrija tiegħu tal-5 ta' Jannar 2001 illi s-soċjetà "ilha snin twal, 'il fuq minn erbatax-il sena, ma topera".

Billi s-soċjetà ma ħallsitx id-dejn tagħha lejn l-atturi, kanonizzat b'sentenza tal-31 ta' Mejju 1989, il-qorti tgħid illi s-soċjetà konvenuta *Salvatore Estates Ltd* waqfet mill-ħlasijiet tagħha fil-31 ta' Mejju 1989.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut Carmelo Chetcuti *proprio* waqaf mill-ħlasijiet tiegħu fid-9 ta' Ġunju 1995 u huwa fi stat ta' falliment;
2. tgħid illi s-soċjetà konvenuta *Salvatore Estates Ltd* waqfet mill-ħlasijiet tagħha fil-31 ta' Mejju 1989 u hija fi stat ta' falliment;
3. taħtar lill-*Accountant* David Pace u lill-Avukat David Grech flimkien bħala kuraturi tal-falliment, kemm ta' Carmelo Chetcuti *proprio* kif ukoll ta' *Salvatore Estates Ltd*, bis-setgħat u d-dmirijiet skond it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ; u
4. tiddifferixxi l-kawża għat-12 ta' Marzu 2004, fl-10.30 *a.m.* għall-eżami ta' l-inventarju li l-kuraturi għandhom iħejju skond l-artt. 502 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u tal-lista tal-kredituri skond l-art. 510(1) ta' l-istess Kodiċi, u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skond l-art. 510(2) u (3) ta' l-istess Kodiċi.

**< Sentenza In Parte >**

[16] **429.** (5) Pro`eduri ta' falliment mibdija kontra kumpannija qabel, fil-jum stabbilit jew fi \mien sitt xhur mill-jum stabbilit g]andhom, wara l-jum stabbilit, ikomplu jkunu gvernati mid-disposizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Kodi`i tal-Kummer` li g]andhom x'jaqsmu ma' falliment.

---------------------------------TMIEM---------------------------------